MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Numru 1127/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**
**vs**

**CARMEL ZAMMIT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel Zammit ta’ 43 sena, iben Angelo u Rosina nee’ Chalmers, imwieled Pieta’, fl-5 ta’ Lulju 1961, u li joqghod ‘Taz-Zan’ Misrah San Guzepp, Safi. Detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 442061M.

Billi gie akkuzat:

Talli f’dawn il-Gzejjer, f’hanut bl-isem ta’ ‘Top Shop’ li jinsab f’Zachary Street, Valletta fid-9 ta’ Dicembru 2004 u

fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

1. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ accessorji ta’ telefon cellulari tad-ditta Nokia.
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

2. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/ jew taht il-Ligi ta’ Malta.
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

3. U aktar talli, f’l-istess perjodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih nnifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma’ trademark registrata, jew biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjat taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 72(1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta).

4. Illi b’hekk Carmel Zammit sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi

mghotija mill-Qorti tal-Magistrati fl-11 ta’ Mejju 1998 u fis-14 ta’ Settembru 2000.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni taghha, f’kas ta’ htija, thassar il-licenzja jew inkella tissosspendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk’ kif ikkontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mal-Ligi, tordna wkoll il-konfiska u id-distruzzjoni ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-Carmel Zammit ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 10 tal-Process (Dok. KB2) u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa', b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 298(1) (a), (b), (c) u (f) u 298B tal-Kap. 9 u l-artikolu 72(1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Carmel Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-istess imputat Carmel Zammit ghall-piena komplessiva ta' elf u mitejn Euro (Euro 1200) multa.

Inoltre stante dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' fil-Verbal tas-Seduta tallum li nkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi kull licenzja tal-Kummerc li ghandu l-imputat Carmel Zammit ghal zmien sitt (6) xhur millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok. KB7 u li presentement qedin ghand Martin Bajada, liema Martin Bajada kellu l-inkarigu tieghu bhala Espert (skond Digriet moghti minn din il-Qorti fis-Seduta tal-10 ta' Novembru, 2008) revokat fis-Seduta tallum b'Digriet ta' din il-Qorti fuq talba tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa' ghall-Prosekuzzjoni u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) u wara r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminal (Malta) ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza.

Tordna ukoll lill-Martin Bajada sabiex fi zmien ghaxar (10) tijiem millum jirritorna l-oggetti esebiti bhala Dok. KB7 lill-Exhibits Officer tal-Qrati ghall-fini li ssir tali distruzzjoni.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminal (Malta).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------